**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 26 ta' Jannar 2001**

**Numru 3**
**Citaz. Nru. 2252/98 FDP**

**E. Calleja & Sons Limited**
**Vs**
**Easy Buy Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fit-3 ta' Novembru 1998 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf u disgha u tletin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm1039.13) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal fornituri ta' merkanzija maghmula fuq inkarigu taghha stess, u li ghalihom ghadha ma hallsitx, liema debitu jirrizulta mill-fattura annessa datata 28 ta' Ottubru 1998;

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, din baqghet inadempjenti;

Illi kontestwalment ma' din ic-citazzjoni s-socjeta` attrici talbet il-hrug ta' Mandat kawtelatorju kontra s-socjeta` konvenuta u dan sabiex tikkawtela l-kreditu taghha;

Illi l-kreditu huwa cert, likwidu u skadut u s-socjeta` attrici tiddikjara illi a tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fil-fehma taghha s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici li din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u disgha u tletin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm1039.13) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovuti ghal fornituri ta' merkanzija;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-fattura annessa u cioe` mit-28 ta' Ottubru 1998, sad-data ta' l-effettiv pagament,

u dan ai termini ta' l-Artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt fil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta' attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-fattura esebita;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi meta fit-12 ta' Novembru 1998 il-marixxal Joseph Borg mar biex jinnotifika lis-socjeta` konvenuta fl-indirizz lilu moghti f'The Strand il-Gzira, huwa sab lil certu Carlo Stivala li rrifjuta li jaccetta l-istess att;

Illi konsegwentement is-socjeta` attrici intavolat rikors fejn wara li rrilevat illi skond il-ligi att rifjutat ghandu jitqies li huwa pozittiv u notifikat, tablet lill-Qorti taghti l-provvedimenti opportuni. Il-Qorti pero` tirrileva illi dan japplika biss f'kaz li l-att jigi rifjutat rninn dik il-persuna li lilha jkun indirizzat l-istess att {ara proviso art. 187(1)} u mhux kif gara fil-kaz odjern;

Illi jirrizulta illi waqt il-mori tal-kawza is-socjeta` konvenuta hallset l-ammont kif mitlub

mis-socjeta` attrici. Fil-fatt permezz ta' nota datata 8 ta' Jannar 1999, l-istess socjeta` cediet it-talba taghha ghas-sorte filwaqt li zammet fermi l-kapijiet ta' l-imghaxijiet u ta' l-ispejjez;

Illi fl-Udjenza tas-16 ta' Gunju 1999 deher ghall-ewwel darba Michael Stivala li skond ma jirrizulta minn Dok ECS1 li huwa certifikat mahrug mir-Registru tal-Kumpaniji fil-Malta Financial Services Centre, huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta` konvenuta. Ghalhekk ma hemmx dubbju li s-socjeta` konvenuta kienet giet mgharrfa bil-proceduri odjerni;

Illi ghalkemm sar xi tentattiv sabiex jintlahaq ftehim fir-rigward tal-kapijiet ta' l-imghaxijiet u ta' l-ispejjez, ma kien hemm ebda ezitu;

Illi s-socjeta` attrici mill-atti processwali rnexxielha tipprova l-pretensjoni taghha u fil-fatt giet imhallsa fil-mori;

Illi l-Qorti jidhrliha li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas l-imghaxijiet u taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Talba;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Talba;

Tilqa’ t-Tielet Talba u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imghaxijiet kummercjali kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur